# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ġimgħa, 5 ta' Frar, 2021**

**Kawża Nru. 21**

**Rik. Nru. 541/13JRM**

Alfred **SCHEMBRI**

vs

Annunziato *sive* Annonce **SCHEMBRI** u
Etienne Schembri

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta' Ġunju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-attur talab li l-Qorti (1) ssib li l-kunsens tad-donatriċi Angela Nicolina Schembri fill-kuntratt ta' donazzjoni ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Grech fit-22 ta' Ġunju, 2012 bejn l-imsemmija Angela Nicolina Schembri u l-imħarrkin, kien vizzjat għaliex miksub b'qerq għad-dannu tal-istess

donatriċi fuq l-att u kif ukoll bi ħsara tiegħu bħala werriet universali tagħha; (2) issib għalhekk li l-kuntratt ta' donazzjoni msemmi ma jiswiex u huwa bla effett u tordna r-rexxissjoni jew tħassir ta' l-istess kuntratt; u (3) tikkundanna lill-imħarrkin biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att nutarili ta' tħassir ta' l-imsemmi kuntratt tat-22 ta' Ġunju, 2012 u tiffissa jum, ħin u post għal tali pubblikazzjoni, u taħtar ukoll kuraturi biex jidhru fuq l-istess att minflok dawk li jonqsu li jersqu. Talab ukoll l-ispejjez;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Lulju, 2013[1] li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fil-11 ta' Lulju, 2013, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-allegazzjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Qalu li f'kull każ, mal-att attakkat hemm mehmuż ċertifikat minn psikjatra li jixhed li d-donatriċi kienet f'sikkitha u tajba minn moħħha meta dehret fuq il-kuntratt u għalhekk taf x'kienet qiegħda tagħmel;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Settembru, 2013[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistant Ġudizzjarju sabiex tiġbor il-provi;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' April, 2014[3], li bih ċaħdet talba magħmula mill-l-attur b'rikors tiegħu tas-26 ta' Marzu, 2014[4], biex jitħalla jressaq xhieda oħrajn li kien naqas li jiddikjara meta fetaħ il-kawża;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Settembru, 2014[5], li bih laqgħet it-talba magħmula mill-attur b'rikors tal-4 ta' Awwissu, 2014[6], fejn talab li jitħalla jixhed xhud li kien indikat bla ma ssemma ismu imma bit-tismija biss tar-raġuni għaliex kien qiegħed jissejjaħ;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2015[7], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-25 ta' April, 2016[8];

[1] Paġ 21 u 22 tal-proċess
[2] Paġ 30 tal-proċess
[3] Paġ 84 tal-proċess
[4] Paġ 81 tal-proċess
[5] Paġ 84 tal-proċess
[6] Paġ 115 tal-proċess
[7] Paġ 171 tal-proċess
[8] Paġ 173 – 7 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fid-9 ta' Mejju, 2016[9], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' kuntratt pubbliku ta' donazzjoni minħabba l-inkapaċità tad-donatriċi li tidher fuq dak l-att. L-attur jgħid li l-kunsens tad-donatriċi nkiseb b'qerq mid-donatarji. Irid li l-Qorti ssib li d-donatriċi kienet tabilħaqq mhux f'qagħda li tersaq fuq il-kuntratt pubbliku, u għalhekk issib li l-kuntratt imsemmi ma jiswiex u jmissu jitħassar;

Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, iwarrbu il-pretensjonijiet tal-attur billi jiċħdu x-xiljiet tiegħu w jgħidu li d-donatriċi kellha l-fakultajiet mentali meħtieġa sabiex tidher fuq il-kuntratt pubbliku, kif wara kollox jirriżulta mill-kontenut taċ-ċertifikat tal-psikjatra mehmuż mal-imsemmi att pubbliku;

Illi mil<u>l-fatti li jirriżultaw mill-atti</u> joħroġ li fit-22 ta' Ġunju, 2012[10], Anġela Nicolina Schembri (minn issa 'l hemm imsejħa "d-donatriċi") resqet fuq kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Vanessa Grech, fejn ittrasferiet b'titolu ta' donazzjoni favur żewġ neputijiet tagħha, Annunziato u Etienne Schembri, appartament li jagħmel minn blokka bini li ġġib l-isem ta' "*St. Joseph*" fi Triq it-Turisti, ġewwa l-Qawra, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra u b'seħħ minn dakinhar. Mehmuż mal-kuntratt kien hemm ċertifikat mediku – li jġib l-istess data tal-att – li jgħid li d-donatriċi kienet f'qagħda li trid tidher għall-kuntratt ta' donazzjoni u taf xi trid tagħmel[11]. Id-donatriċi ma kinitx f'qagħda li tiffirma l-kuntratt għaliex "ma tafx tikteb u/jew tiffirma isimha minħabba raġunijiet fiżiċi, u għaldaqstant qiegħda tagħmel salib";

Illi jirriżulta li l-post donat kien id-dar fejn l-aħħar kienet tgħix id-donatriċi u l-kuntratt kien ippubblikat fl-uffiċċju tan-Nutar li ippubblikat l-att;

Illi d-donatriċi mietet testata fl-4 ta' Marzu, 2013[12], u ħalliet bħala werriet universali ta' ġidha lil huha l-attur Alfred Schembri, bis-saħħa ta' testment

[9] Paġ 181 sa 187 tal-proċess
[10] Dok. "VG" f'paġġ. 86 sa 90 tal-proċess
[11] Fil-fatt l-istess ċertifikat isemmi li hija kienet trid tagħti b'donazzjoni żewġ fondi – wieħed fil-Marsa u l-ieħor dak li dwaru sari l-kuntratt
[12] Dok "B", f'paġ. 11 tal-proċess

li hija għamlet f'Marzu tal-2011[13]. L-imħarrkin huma żewġ ulied ta' ħu l-attur, George Schembri, li miet żmien qabel;

Illi d-donatriċi kienet xebba u tul ħajjita kienet mara attiva. Kellha diversi ħbieb u kienet viċin ħuha l-attur[14]. Jirriżulta li fl-2010, kienet tatha puplesija, liema kundizzjoni wasslet biex ikollha diffikultà tlissen il-kliem[15]. Wara li ħarġet mill-isptar, hija qatt ma reġgħet daħlet toqgħod f'darha u marret toqgħod ġo dar ta' l-anzjani;

Illi kemm damet ġod-dar tal-anzjani, id-donatriċi kienet żammet ruħha indipendenti u tieħu ħsieb tagħha nnifisha, u kienet tuża mezzi biex, fin-nuqqas ta' diskors, tikkomunika man-nies ta' madwarha[16]. Jirriżulta li kienet tifhem x'jingħadilha[17] u fejn ma kinetx tasal hi, kienet tqabbad lil ħaddiehor jitkellem għaliha[18];

Illi fi kliem it-tabib li nvistaha ġod-dar tal-anzjani, id-donatriċi ma kellhiex problemi mentali[19]. Dan ġie wkoll konfermat mill-psikjatra Joseph Vella Baldacchino[20]. Qabel sar il-kuntratt, id-donatriċi ntalbet toqgħod għal eżami mentali dakinhar stess li resqet fuq il-kuntratt pubbliku, u l-psikjatra Vella Baldacchino iċċertifikaha li kienet lesta li tagħti l-fond tagħha ta' San Pawl il-Baħar liż-żewġ neputijiet tagħha, l-imħarrkin, li jissemmew b'isimhom espresament fuq iċ-ċertifikat maħruġ;

Illi n-Nutara li ippubblikat il-kuntratt iltaqgħet mad-donatriċi dakinhar tal-kuntratt fl-uffiċju tagħha ġewwa Ħal Qormi. Ikkonfermat li id-donatriċi ħaduha fl-uffiċċju tagħha l-imħarrkin donatarji, u li kienet kelmitha, fissritilha l-konsegwenzi tal-kuntratt li kienet sejra tagħmel, kif ukoll qratilha u spjegatilha l-kontenut tiegħu. Fi kliem in-Nutar Grech, id-donatriċi wriet li kienet fehmet x'kien qed jingħadilha u tat il-kunsens tagħha għal dak li kienet ser tagħmel. Tgħid ukoll li hija straħet fuq iċ-ċertifikat psikjatriku maħruġ mill-psikjatra Vella Baldacchino[21];

Illi l-imħarrek Annunziato Schembri jikkonferma li zitu qaltlu, aktar minn darba, li l-fond ġewwa San Pawl il-Baħar xtaqet tħallih lilu u lil ħuh, u fuq

[13] Dokti. "Ċ" sa "E" f'paġġ. 12 – 9 tal-proċess
[14] Ara l-affidavit ta' Alfed Schembri f'paġ. 161 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Josephine Mizzi f'paġ. 73 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda ta' Josiah Grech f'paġġ. 39 sa 40 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda ta' Josiah Grech f'paġ. 40 tal-proċess. Ara wkoll dik ta' Claudia Attard f'paġ. 43 sa 44 tal-proċess, ix-xhieda ta' Caroline Hirst f'paġ. 48 tal-proċess u ta' Janet Redqick f'paġ. 53 tal-proċess
[17] Ara x-xhieda ta' Claudi Attard f'paġ. 45 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' Josephie Mizzi f'paġ. 77 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Dr Patrick Frendo f'paġ. 63 tal-proċess
[20] Dok. "A" f'paġ. 91 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda mogħtija mit-tabib Joseph Vella Baldacchino f'paġġ. 58 sa 60 tal-proċess u dik tal-imħarrek Annunziato Schembri f'paġ. 146 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda tan-Nutar Dr Vanessa Grech f'paġġ. 100, 101, u 108 tal-proċess

is-saħħa ta' dak il-kliem tagħha kien għalhekk fittex gwida mingħand in-Nutar Grech dwar x'kien hemm bżonn li jsir[22];

Illi l-attur fetaħ il-kawża fil-5 ta' Ġunju, 2013, u dakinhar ressaq ukoll talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrkin biex iżommhom milli b'xi mod jittrasferixxu l-post imħolli lilhom b'donazzjoni fil-kuntratt mertu tal-każ[23]. It-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma ntlaqgħetx;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-kwestjoni fil-mertu. Il-konsiderazzjonijiet ta' natural legali huma marbutin mal-għemil tad-donatriċi fiż-żmien meta resqet fuq il-kuntratt ta' donazzjoni, li l-attur qed jattakka għaliex, fi kliemu, dakinhar id-donatriċi ma kinetx tinsab f'qagħda li tista' tagħmel dak il-kuntratt minn rajha. L-attur isejjes il-każ tiegħu fuq żewġ possibilitajiet. L-ewwel waħda, li d-donatriċi kienet persuna anzjana u, minħabba d-diffikultà li kellha biex titkellem, ma kinitx f'qagħda li tfisser ruħha. It-tieni waħda, li d-donatriċi ġiet imġiegħla tersaq fuq il-kuntratt pubbliku mid-donatarji kontra jew minkejja r-rieda tagħha u b'qerq. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin donatarji jiċħdu dan kollu u jgħidu li d-donatriċi kienet kapaċi tidher fuq il-kuntratt u taf dak li kienet qiegħda tagħmel. Jgħidu wkoll li d-donatriċi kienet ilha li wegħeditlhom il-fond ġewwa San Pawl il-Baħar għal żmien twil;

Illi xieraq jingħad minnufih li l-biċċa l-kbira tal-kwestjoni hija waħda ta' min mill-partijiet qiegħed jagħti verżjoni li għandha titwemmen u li din il-Qorti jmissha toqgħod fuqha. Dwar dan l-aspett, il-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[24]. Madankollu, il-fatt waħdu li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[25]. Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[26], u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[27];

[22] Ara x-xhieda ta' Annunziato Schembri f'paġġ. 145 sa 146 tal-proċess
[23] Rik. Nru. 840/13MCH iddekretat fit-13.6.2013
[24] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[25] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[26] Art. 562 tal-Kap 12
[27] Art. 559 tal-Kap 12

Illi huwa miżmum li fil-każ fejn iż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[28] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*[29]. Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[30] bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[31];

Illi dak li jgħodd f'kawża mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "*il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verità, il-verità kollha, u xejn anqas minn dik il-verità kollha*"[32];

Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu kienu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja jew l-aktar 'giddieba' u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fil-ġrajjiet li jsawru l-każ. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet[33];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha dawn l-elementi kollha joħorġu b'mod qawwi. Hemm il-verżjoni tal-attur li trid turi li huwa l-aktar persuna li kien qrib tad-donatriċi tul ħajjitha, u li d-donatriċi kienet persuna vulnerabbli billi ma setgħetx tesprimi ruħha u ġiet manipulata fil-mument l-aktar dgħajjef ta' ħajjitha. Hemm imbagħad il-verżjoni tal-imħarrkin, li jisħqu li d-donatriċi għexet ħajja indipendenti anke fl-aħħar snin ta' ħajjitha minkejja d-

[28] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Ġiordmaina Mediċi et vs William Rizzo et***
[29] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Catering Co Ltd***
[30] Maġ. (Għ) AE **18.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John Baptist Spiteri vs Michael Calleja*** (mhix appellata)
[31] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***
[32] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et***
[33] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Galea vs Ġużeppi Galea*** (mhix appellata)

diżabilità li ġarrbet b'riżultat tal-puplesija, u li l-fond kienet ilha li wegħditulhom sa minn żmien twil qabel saret id-donazzjoni. Hemm imbagħad il-verżjonijiet tat-terzi: tobba, ħbieb, u persuni li kienu jafu lid-donatriċi kemm damet tgħix fid-dar tal-anżjani u sa minn qabel ukoll. Fl-aħħarnett, hemm in-nutar li ippubblikat il-kuntratt pubbliku mertu tal-każ;

Illi f'dan il-każ, l-prinċipji fuq imsemmija dwar l-apprezzament tal-provi jridu jinqraw u jinftehmu fil-qafas tal-prinċipji li ġew stabbiliti mill-Qrati tagħna fil-każi ta' impunjazzjoni ta' kuntratti pubbliċi;

Illi l-kapaċità kuntrattwali hija wieħed mill-erba' elementi kostitutivi ewlenin u essenzjali ta' kull kuntratt għaliex jolqot fis-sħiħ dak li l-partijiet suppost li jkunu ftehmu dwaru, jiġifieri kemm dwar l-oġġett tal-ftehim u kif ukoll dwar ir-rabtiet li kull parti f'dak il-ftehim tkun qablet li toqgħod għalihom[34]. Biex il-kunsens jista' jingħad li jkun jgħodd, mhux biżżejjed li wieħed iħares lejn is-sura esterna tiegħu (jiġifieri li joqgħod biss minn dak li jidher) fuq il-kuntratt. Dan jingħad għaliex dak li jidher irid ikun jaqbel ma' dik id-dispożizzjoni psikoloġika fil-ġewwieni tal-persuna li tkun tixhed il-qbil tagħha ma' dak li immanifestat fid-dieher. Għalhekk, mhux bilfors li għaliex bniedem jagħmel il-firma jew il-marka tiegħu fuq kuntratt dan waħdu jkun ifisser li dik il-persuna kellha l-fehma interna jew il-kapaċità mentali li tintrabat f'kuntratt. Min-naħa l-oħra, sakemm min jallega l-inkapaċità ma jseħħlux jippruvaha kif imiss, jibqa' meqjus li l-kunsens intern kien rifless f'dak li jidher fuq l-att jew fil-kuntratt. Dan għaliex l-inkapaċità li wieħed jersaq għal kuntratt hija l-eċċezzjoni għar-regola li kulħadd huwa kapaċi li jintrabat f'kuntratt;

Illi l-kapaċità li wieħed jintrabat f'kuntratt timplika li dik il-persuna tista' waħedha tieħu ħsieb ħwejjiġha. Il-kapaċità naturali li wieħed jersaq fuq kuntratt titlob kemm id-dehen meħtieġ biex bih il-persuna tagħraf tintrabat fil-ftehim, u kif ukoll il-libertà li tagħmel dan mingħajr ma tkun imġiegħla jew imxekkla. Il-kapaċità legali li wieħed jintrabat f'kuntratt titlob li l-persuna ma tkunx miżmuma milli tersaq fuq kuntratt għal xi stat legali li jġibha jew jagħmilha hekk inkapaċi;

Illi l-liġi[35] trid li kull kuntratt magħmul minn persuna li m'għandhiex l-użu tar-raġuni huwa null. Din hija nullità relattiva, li ma tistax titqanqal minn dak li jkun ikkuntratta mal-persuna inkapaċi[36], biex b'hekk ħadd ma jieħu vantaġġ miċ-ċirkostanza tal-inkapaċità ta' dak li jkun[37]. Illi l-inkapaċità naturali din trid tintwera sewwa minn min jallegaha. Mhux hekk biss, iżda jkun irid jipprova li

[34] Art. 966 tal-Kap 16
[35] Art. 968 tal-Kap 16
[36] Art. 973 tal-Kap 16
[37] App. Ċiv. **11.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi et vs Gauċi et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.286**)

dik l-inkapaċità kienet teżisti sewwasew fil-waqt li jkun sar l-att jew il-kuntratt impunjat;

Illi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità kuntrattwali tal-persuna, huwa mgħallem li fil-qasam tal-kuntratti bilaterali (ukoll jekk mhux kommutativi) il-qies li jittieħed huwa wieħed aktar strett mill-kriterji li jintużaw biex titkejjel il-kapaċità li wieħed jiddisponi b'testment. Dan jinħad fil-każ ta' persuna milquta minn mard tal-moħħ li, f'waqtiet luċidi, tista' tkun taf xi trid u tkun taf kif trid li ġidha jintiret. Bniedem li, f'kundizzjonijiet bħal dawn, jista' jiddisponi b'testment, ma jfissirx li għandu wkoll il-kapaċità li jersaq fuq kuntratt "*because capacity of contracting demands more severe requisites, since contract is a bilateral and irrevocable act*"[38];

Illi fost il-kriterji li wieħed irid iqis meta jitkellem dwar l-inkapaċità li persuna tersaq għal kuntratt, hemm dik li (a) il-kapaċità hija r-regola u l-inkapaċità l-eċċezzjoni; (b) l-inkapaċità trid tiġi ippruvata minn min jallegaha[39]; (ċ) li biex persuna tkun kapaċi tagħmel kuntratt, mhux meħtieġ li jkun perfettament f'saħħtu minn moħħu, għax huwa biżżejjed li jkollu l-użu tar-raġuni b'mod li jkun jaf x'inhu jagħmel; u (d) li ċ-ċirkostanzi tal-inkapaċità iridu jirriżultaw minn fatti jew indizji gravi u ċirkostanzi preċiżi u mhux ekwivoċi[40]. Dawn il-kriterji – mħaddmin fil-każ ta' kapaċità li wieħed jagħmel testment li jiswa – għandhom, għalhekk, jiġu applikati b'mod aktar strett fil-każ ta' kapaċità li wieħed jersaq għal kuntratt *inter vivos*;

Illi lill-Qorti jirriżultalha li, fl-aħħar sentejn ta' ħajjitha, id-donatriċi, minkejja d-diffikultajiet biex tlissen kliemha, kienet konxja tal-aġir tagħha u taf x'qiegħda tagħmel. Kienet f'qagħda wkoll li turi xi tkun trid. Dan joħroġ mix-xhieda tal-persuni l-aktar qrib tagħha fid-dar tax-xjuħ fejn kienet tqatta' l-ħin tagħha ta' kuljum. Kienet iżżomm ruħha attiva u kemm jista' jkun indipendenti, u saħansitra tikkomunika mal-infirmieri u n-nies ta' madwarha b'mezzi li tpoġġew għad-disposizzjoni tagħha mill-amministraturi ta' l-istess dar;

Illi hemm ukoll lix-xhieda mogħtija mit-tabib li kien iżur id-dar tax-xjuħ u li kien żar ukoll lid-donatriċi li xehed li hija kienet f'sensiha u ma jqishiex li kellha problemi mentali. Bħala prova, hemm ukoll iċ-ċertifikat mediku maħruġ mill-psikjatra Vella Baldacchino fl-istess jum li sar il-kuntratt. Aktar tard ix-xhieda mogħtija minnu b'referenza għall-istess ċertifikat tikkonferma li d-donatriċi kienet taf x'ser tagħmel b'ġidha kemm-il darba tersaq fuq il-kuntratt mal-imħarrkin[41];

---

[38] Caruana-Galizia *Notes on Civil Law: Obligations*, paġ. 256
[39] P.A. **8.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Giordano et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.404**)
[40] App. Ċiv. **24.4.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo et vs Sammut noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.108**)
[41] Ara x-xhieda ta' Dr Patrick Frendo f'paġ. 63 tal-proċess, Dok. "A" f'paġ. 91 tal-proċess u ix-xhieda mogħtija minn Dr Vella Baldacchino f'paġġ. 58 sa 60 tal-proċess

Illi l-attur ma ressaq l-ebda prova kontra dawn iċ-ċertifikati, ħlief ix-xhieda tiegħu kif ukoll ta' persuni ħbieb tiegħu, li jgħidu li kellhom diffikultà jifhmu lid-donatriċi meta kienet tittanta tikkomunika magħhom. B'żieda ma' dan, xehed ukoll in-Nutar li quddiemha sar il-kuntratt mertu tal-każ, u li tiftakar li d-donatriċi kien moħħha hemm, issegwi dak li qaltilha u f'qagħda li tkun jaf x'qiegħed isir u li spjegatilha l-kontenut tal-kuntratt u li saħansitra weġbitha għall-mistoqsijiet li l-istess Nutara għamlitilha, ukoll jekk it-tweġibiet kienu fi kliem qosra u sempliċi bħala "iva"[42];

Illi l-Qorti tagħraf ċirkostanza oħra rilevanti u mhux traskurabbli li titfa' ħjiel fuq il-ħila tad-donatriċi li tidher fuq atti nutarili u l-kapaċità tagħha li tfisser ruħha fuqhom. Din iċ-ċirkostanza tinsab fit-testment tagħha li, bis-saħħa tiegħu, l-attur inħatar bħala werriet universali ta' oħtu. Ta' min jinnota li t-testment imsemmi sar wara l-attakk ta' puplesija li kien laqat lit-testatriċi. Kemm hu hekk, in-nutar li ippubblika t-testment kiteb li "it-testatriċi tiddikjara li ma tistax tiffirma peress li għadha kemm għadditha puplesija"[43]. L-attur ma jfisser bl-ebda mod kif l-istess persuna li huwa jgħid li – ftit tax-xhur wara – ma kinitx f'qagħda li tersaq għal kuntratt tad-donazzjoni, kienet tista' tersaq u kapaċi tagħmel testment, hekk qrib meta taha l-attakk pupletiku, meta wieħed jistenna li f'dak iż-żmien il-persuna milquta tkun f'qagħda iżjed limitata f'dak li tista' tagħmel u trid;

Illi wara li l-Qorti qieset b'reqqa l-fatti kollha li tressqu quddiemha u kejlithom fid-dawl tal-prinċipji tad-dritt u d-dispożizzjonijiet tal-liġi, hija tasal għall-fehma li d-donatriċi kienet f'qagħda li tersaq fuq kuntratt pubbliku ta' donazzjoni dakinhar li sar u li tiddisponi minn ġidha favur l-imħarrkin b'għarfien sħiħ ta' dak li kienet qiegħda tagħmel;

Illi l-Qorti jidhrilha wkoll li l-attur naqas li juri li hemm raġuni tajba biżżejjed biex jiġi dikjarat li l-kuntratt tat-22 ta' Ġunju, 2012 inkiseb b'qerq għad-dannu tad-donatriċi. L-attur juża l-qerq tal-imħarrkin bħala t-tieni kawżali li fuqha jsejjes il-każ tiegħu u jippretendi t-tħassir tal-kuntratt li sar. Il-qerq, għall-kuntrarju tal-inkapaċità, jippreżumi li l-persuna li tkun dehret fuq kuntratt kellha l-fakultajiet mentali biex tidher fuq l-att, imma l-kunsens tagħha kien vizzjat minħabba għemil tal-parti kontraenti l-oħra;

Illi huwa stabbilit li l-qerq meħtieġ biex iġib fix-xejn il-kunsens ta' parti li tikkuntratta irid ikun ta' kwalità li jikkonsisti f'"*inganno, circonvenzione, comportamento truffaldino, raggiro usato per far cadere in errore la controparte*

42 Ara x-xhieda tan-Nutar Vanessa Grech f'paġ. 102 tal-proċess
43 Ara Dok "Ċ", f'paġ. 13 tal-proċess

*e indurla a concludere il negozio*"[44]. Din hija t-tifsira li d-duttrina tagħti lill-qerq. Minbarra dan, jeżistu dispożizzjonijiet li jagħrfu bejn qerq determinanti u qerq inċidentali[45]. Huwa mgħallem li "*il dolo determinante consiste in una condotta maliziosa posta in essere dal deceptor idonea, in concreto, ad ingannare la controparte ingenerando nel 'deceptus' una rappresentazione alterata della realtà, provocando nel suo meccanismo volitivo un errore e inducendolo a concludere un contratto che altrimenti non avrebbe stipulato.*"[46]. Min-naħa l-oħra, "*il dolo incidente si ha quando i raggiri non sono stati tali da determinare il consenso; la controparte avrebbe egualmente concluso il negozio, ma a condizioni diverse. .. .. il dolo incidente non comporta l'annullamento del contratto; il contratto é valido, ma il contraente in mala fede risponde dei danni. Il dolo determinante provoca l'annullamento del negozio e in piu' vi é l'obbligo di risarcire il danno alla parte che fu vittima dell'inganno*"[47];

Illi l-liġi tagħna titlob li l-prova tal-qerq issir mill-parti li tallega l-qerq[48], li wkoll trid turi li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew intenzjoni li tqarraq[49]. Fuq kollox, "*l'accertamento del dolo come vizio del consenso deve essere preciso e rigoroso, e non puo' essere affidato a semplici induzioni o presunzioni od a criteri di verosimiglianza*"[50];

Illi huwa magħruf li l-qerq ma huwiex preżunt u jrid ikun ippruvat kif imiss[51]. Il-prova bħal din trid tkun tajba biżżejjed li turi li l-parti mixlija bil-qerq kienet nisġet skema bi ħsieb partikolari li tilgħab lill-parti l-oħra biex tersaq għall-ftehim[52]. Biex il-qerq jagħti lok għat-tħassir ta' rabta kuntrattwali, irid jintwera li r-raġġiri u skemi mħaddma mill-parti li tkun qarrqet iwasslu lill-parti l-oħra li tersaq għall-ftehim bil-fehma li l-elementi essenzjali tal-kuntratt huma kif maħsuba meta, fil-fatt, tali elementi jew uħud minnhom ma jikkorrispondux mas-sewwa[53]. Fuq kollox[54], tali qerq irid ikun ta' gravità u serjetà tali li, kieku ma kienx għalih, il-parti l-oħra ma kinitx tersaq għall-ftehim[55]. Jekk, imbagħad, il-qerq ikun tali li jwassal lill-parti mqarrqa għal żball dwar l-oġġett tal-ftehim, tali żball irid ikun wieħed skużabbli, jiġifieri wieħed li l-parti mqarrqa ma setgħetx tintebah bih bid-dehen ordinarju tagħha[56];

Illi minn eżami b'reqqa tal-atti tal-kawża l-Qorti ma ssib l-ebda prova fejjieda li ssostni l-argument tal-attur li l-imħarrkin kisbu l-kunsens tad-

---

[44] G. Alpa Corso di Diritto Contrattuale (2006), *op. cit.* § 12.14, paġġ. 138 – 140
[45] Ara, b'eżempju, artt. 1439 u 1440 tal-Kodiċi Ċivili Taljan
[46] G. Alpa & V. Mariconda Codice Civile Commentato (2ª Ediz, 2009) Libro IV, paġġ. 1080 – 1
[47] Alpa *op cit* f'paġ. 139
[48] App. Kumm. **31.3.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **LI.i.546**)
[49] P.A. DS **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Busuttil et vs Carmen Taliana***
[50] Cass. **8.5.1969** nru. 1570
[51] Art. 981(2) tal-Kap 16
[52] Caruana Galizia Notes on Civil Law – Obligations, paġ. 272
[53] P.A. TM **4.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***P.L. Joseph Żammit noe vs Joseph Fenech et***
[54] P.A. **4.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud noe vs Tanti*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.722**)
[55] P.A. **13.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras vs Zimmermann Barbaro*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.223**)
[56] App. Ċiv. **23.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Tanti pro et noe et vs Sammy Mifsud et noe***

donatriċi billi qarrqu biha. L-argumenti li ressaq dwar id-dgħufija tagħha minħabba l-puplesija u kemm din ġabitha bħala persuna vulnerabbli li wieħed jagħmel biha li jrid ma jwasslux biex isejsu x-xilja li l-imħarrkin fasslu jew nisġu xi pjan li bih zithom id-donatriċi kienet mingħaliha qiegħda tagħmel negozju differenti minn dak li kien qiegħed isir fil-kuntratt;

Illi għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma seħħlux jipprova l-każ tiegħu lanqas taħt din il-kawżali u għalhekk l-ewwel talba tiegħu mhijiex mistħoqqa u mhux sejra tintlaqa';

Illi ladarba huwa hekk, it-talbiet l-oħrajn ukoll mhumiex sejrin jintlaqgħu għaliex konsegwenzjali għall-ewwel talba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad t-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin bħala mistħoqqa; u

**Tordna** li l-attur iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**5 ta' Frar, 2021**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**5 ta' Frar, 2021**